**25 ta' April, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Victor Ellul Bonici

*versus*

Helen armla ta' Salvatore Ellul Bonici

**Testment – Esekutur Testamentarju – Usufrutt – Legat**

*L-attur fil-kwalità ta' esekutur testamentarju fittex sabiex il-konvenuta tikkonsenjalu assi ereditarji.*

*Wara li eżaminat il-konsistenza ta' l-eredità u l-posizzjoni legali tal-konvenuta, il-Qorti laqgħet it-talba attriċi u kkundannata a tenur tar-riżultanti li tikkonsenja lill-esekutur l-assi ereditarji riżultanti.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Frar, 1981, li biha Victor Ellul Bonici wara li ppremetta illi fis-6 ta' Mejju, 1980, miet Salvatore Ellul Bonici, ir-raġel tal-konvenuta, u ħu l-attur, u bit-testmenti tiegħu fl-Atti tan-Nutar Joseph Brincat, iddatati

rispettivament 18 ta' Marzu, 1980 u 25 ta' Marzu, 1980, fost disposizzjonijiet oħra nnomina lill-attur bħala esekutur testamentarju tiegħu;

Illi l-imsemmija esekuterija ġiet ikkonfermata mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti b'digriet tat-2 ta' Jannar, 1981 (Digriet Nru. 3/1981) – (Dok. 'A');

Illi fil-pussess tal-konvenuta hemm diversi effetti mobbli inklużi flus kontanti, ċedoli u kotba bankarji, ħaġar prezzjuż u oġġetti tad-deheb, mobbli u diversi effetti u dokumenti oħra, appartenenti lill-eredità ta' l-istess Salvatore Ellul Bonici, li l-attur għandu bżonn li jkollu f'idejh sabiex ikun jista' jaqdi d-dmir tiegħu ta' esekutur testamentarju;

Illi l-konvenuta, għalkemm interpellata diversi drabi, qiegħda tirrifjuta li tikkonsenjalu l-istess effetti mobbli;

Talab li l-konvenut tiġi kkundannata minn dina l-Qorti sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss għal tali skop, tikkonsenja lill-attur fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Salvatore Ellul Bonici dawk l-effetti mobbli, inklużi flus kontanti, ċedoli, kotba bankarji, ħaġar prezzjuż, u oġġetti tad-deheb, mobbli u kull xort'oħra ta' dokumenti u effetti mobbli, li għandhom x'jaqsmu ma' l-Eredità ta' Salvatore Ellul Bonici u li huma neċessarji sabiex l-attur ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' ħuh Salvatore Ellul Bonici, taħt is-sanzjoni tad-disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti f'każ ta' inadempjenza da parti tal-konvenuta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta personalment għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fil-5 ta' Marzu, 1981, li fiha Helen Armla ta' Salvatore Ellul Bonici qalet:

"(1) illi ċ-ċitazzjoni hija nulla *stante* li ġiet notifikata mingħajr dikjarazzjoni;

(2) illi l-attur qed jippretendi li l-konvenuta tikkonsenjalu oġġetti li huma proprjetà parafernali tagħha jew li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

(3) illi fi kwalunkwe każ l-attur irid l-ewwel jitlob id-diviżjoni u l-likwidazzjoni tal-wirt qabel ma jista' jittenta l-azzjoni odjerna u għalhekk it-talba tiegħu għandha tiġi respinta";

Rat id-digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru 1981, mill-Qorti diversament presjeduta, li bih ġie nnominat l-Avukat Joseph Ciappara perit biex jirrelata dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet;

Rat ir-relazzjoni maħlufa mill-imsemmi perit fis-17 ta' Jannar 1985;

Rat id-dokumenti esibiti u t-traskrizzjoni tax-xiehda mismugħa mill-istess perit u mill-Qorti diversament presjeduta;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet lill-Avukati Aldo Vella u John Laferla għall-attur u lill-Avukati John Buttigieg, Ian Refalo u Joseph Refalo għall-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta illi Salvatore Ellul Bonici żżewweġ il-konvenuta fit-28 ta' Diċembru 1975. Huwa miet fl-età ta' ħamsa u sebgħin sena fis-6 ta' Mejju, 1980;

Illi l-istess Salvatore Ellul Bonici miet b'żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat, wieħed bid-data tat-18 ta' Marzu 1980 u l-ieħor tal-25 ta' l-istess xahar u sena (Dok. B u Ċ fol. 12 – 15 tal-proċess). Fl-ewwel testment l-attur, ħu t-testatur, ġie nnominat esekutur testamentarju;

Illi l-attur ġie kkonfermat esekutur testamentarju b'digriet tat-8 ta' Lulju 1980 mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili; fit-8 ta' Ottubru 1980 huwa pproċeda għal formazzjoni ta' l-inventarju formanti l-assi ereditarja ta' l-imsemmi testatur b'att ippubblikat min-Nutar Dottor Angelo Vella u fl-14 ta' Ottubru 1980 huwa ppreżenta d-denunzja rikjesta bl-Att ta' l-1973 Dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni relattiva għall-wirt ta' l-istess *decujus*;

Kemm fl-inventarju kif ukoll fid-denunzja l-attur iddikjara illi ma setax jiddeskrivi (u jagħti l-valur ta') l-oġġetti kollha formanti l-wirt peress illi diversi ħwejjeġ kienu baqgħu fil-pussess tal-konvenuta li, avolja interpellata biex tħallilu aċċess għall-istess oġġetti, kienet naqset li tagħmel dana;

Illi l-attur irid iwettaq l-obbligi tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' l-imsemmi ħuh u qiegħed jitlob li l-konvenuta tikkonsenjalu l-artikoli kollha msemmijin fiċ-ċitazzjoni "li għandhom x'jaqsmu ma' l-eredità ta' Salvatore Ellul Bonici u li huma neċessarji sabiex l-attur ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' ħuh....";

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuta, li għandha fil-pussess tagħha diversi oġġetti tax-xorta fuq imsemmija, għandha l-obbligu li tħalli l-imsemmija oġġetti f'idejn l-attur fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju ħalli b'hekk jiġu mwettqa x-xewqat tat-testatur;

Dana l-pass għandu jsir fl-ewwel lok, ħalli, imbagħad, jekk ikun il-każ, l-istess attur jerġa' jagħti f'idejn il-konvenuta – ukoll ma' oħrajn benefikata b'legat fit-testamenti msemmija – dawk il-flus jew titoli li hija intitolata għalihom kif ukoll dawk l-oġġetti li, bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejna u bejn l-imsemmi żewġha, jew bħala riżervatorja, jekk dana huwa l-każ, għandhom imorru għandha;

Il-Qorti tifhem illi l-fatt illi sallum għadhom m'humiex iffirmata u stabbiliti d-drittijiet li jista' jkollha l-konvenuta *extra* l-legat li ssemma, ma jistax u ma għandux ikun ta' ostakolu għat-talbiet ta' l-attur u lanqas ma jista' jkun ta' ostakolu għall-istess talbiet il-fatt li l-konsistenza u l-identità ta' l-oġġetti li għalhom jistgħu jirriferixxi dawn id-drittijiet għad trid tiġi stabbilita;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur irnexxielu jipprova x'inhuma xi wħud mill-oġġetti, titoli li jirrappreżentaw flus, flus mobbilja u oġġetti oħra li kienu fil-pussess tal-konvenuta wara l-mewt ta' żewġha u li fil-mori tal-kawża l-istess konvenuta kkonsenjat xi wħud minnhom; però l-attur għalkemm wasal biex jipprova illi l-konvenuta, barra l-oġġetti li ġà kkonsenjatlu għad għandha f'idejha xi oġġetti li ġew imsemmija mill-istess attur u għalkemm

wasal biex jipprova wkoll li l-konvenuta jista' jkollha taħt idejha oġġetti u flus oħra tal-wirt – liema oġġetti u flus huwa ma rnexxilux jindividwalizza, għalhekk huwa kien qiegħed jinsisti li l-konvenuta tiġi kkundannat li tikkonsenjalu dawn l-oġġetti u flus kollha, jiġifieri kemm dawk individwalizzati kif ukoll dawk li m'humiex;

Ikkunsidrat:

Illi bit-Tieni Artikolu tat-testment tat-18 ta' Marzu, 1980, l-imsemmi Salvatore Ellul Bonici ħalla lil martu, (il-konvenuta) b'titolu ta' legat "l-użufrutt ta' kwalunkwe somma ta' flus iddepożitata fi kwalunkwe Bank, kemm jekk f'Malta u kemm barra minn Malta, kif ukoll ta' *War Loan* li jinsabu ddepożitati mal-*Midland Bank Limited" (sic);*

Ikkunsidrat:

Illi l-imsemmi testatur ħalla diversi legati u spiċċa biex jinnomina bħala eredi universali u padruni assoluti ta' l-assi ereditarji tiegħu lill-attur u lill-erba' ħutu l-oħra;

Ikkunsidrat:

Illi, kif ġà ntqal, il-konvenuta fil-mori tal-kawża kkonsenjat f'idejn l-attur iċ-ċavetta tal-fond Numru 9, Saint Paul Street, San Pawl tat-Tarġa u għalhekk kull ma kien hemm fl-isemmi fond, a parti ta' dak li jissemma 'l quddiem, illum qiegħed f'idejn l-attur; l-istess jingħad dwar il-karozza li kellu t-testatur u li *prima facie* tidher li tappartjeni l-komunjoni ta' l-akkwisti li ssemmiet;

Illi l-konvenuta ma kkonsenjatx id-deheb u ċirka elfejn lira

in kontanti li kien hemm fis-*safe* fl-isemmi fond; dana d-deheb u l-flus *prima facie* għandhom jitqiesu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Barra minn dana d-deheb kien hemm deheb ieħor li Salvino Ellul Bonici kien ġab miegħu qabel iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta; fost l-oġġetti hemm:

(i) ċurkett bid-djamant kbir li l-istess Salvatore Ellul Bonici kien wiret mingħand missieru, Walter;

(ii) katina ħajta;

(iii) labra ta' l-ingravata miksura;

(iv) par *links;*

(v) ċurkett matrimonjali;

(vi) par kandelabri;

(vii) munita tad-deheb (Emanuel Pinto) bid-data 1762;

(viii) munita tad-deheb (Reġina Vittoria) ta' l-1875; u

(ix) munita ta' għaxar franki *(Napoleon III)* ta' l-1860;

Hawnhekk għandu jingħad illi għalkemm fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1986, il-konvenuta xehdet illi hija għamlet lista ta' l-oġġetti u flus li hija tgħid li 'żbarazzat' mis-*safe* qabel ma miet żewġha – hija tgħid "żbarazzajt minnu (mis-*safe)* diversi affarijiet ta' valur, fosthom oġġetti tad-deheb, flus fl-ammont ta' ċirka elfejn lira, anzi xi ħaġa inqas minn elfejn lira" – dina l-lista ma ġietx esibita minnha. Il-Qorti tifhem, però, illi l-

konvenuta li ma hijiex ta' età żgħira, setgħet kienet qiegħda tirreferixxi hawnhekk għan-**nota** a fol. 123 – 4 minnha pprezentata fit-30 ta' Mejju 1985. Għalhekk, fl-istadju tal-provi li nġiebu, ma jistax wieħed jgħid illi hemm prova konklusiva li oltre l-oġġetti u l-flejjes li ssemmew seta' kien hemm oġġetti oħra li ġew 'żbarazzati' mill-konvenuta u minnha meħuda filfond numru 6, Qormi Road, Ħamrun fejn hija toqgħod illum. B'dana kollu, jekk hemm oġġetti jew flus jew valuri oħra li l-konvenuta warrbet mid-dar ta' San Pawl tat-Tarġa fejn kienet tabita qabel il-mewt ta' żewġha u ħadet fid-dar tal-Ħamrun fejn toqgħod illum, dawn l-oġġetti għandhom, dejjem jekk jidħlu fl-assi ereditarji ta' żewġha, jiġu kkonsenjati lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi barra minn dawna l-flus u oġġetti tad-deheb il-konvenuta tgħid li għandha fil-pussess tagħha wkoll il-flus esteri li sejrin jissemmew, u li huma preżunti li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti:

(1) Ħames karti ta' l-għoxrin dollaru l-waħda;

(2) Karta waħda ta' għaxar dollari;

(3) Karta waħda ta' ħames liri Taljani;

(4) Karta waħda ta' żewġ xelini Maltin (imqattgħa);

(5) Żewġ karti ta' sterlina l-waħda;

(6) Żewġ karti ta' lira Maltija l-waħda u li għandhom waħda r-ritratt tar-Reġina Elizabetta II u l-oħra r-ritratt tar-Re

Edward;

(7) Karta waħda ta' għaxar xelini (Reġina Eliżabetta II) ta' kulur aħdar;

(8) Tliet karti ta' għaxar xelini l-waħda (Reġina Eliżabetta II) ta' kulur aħdar;

(9) Karta waħda ta' mitt Peseta Spanjola;

(10) Karta waħda ta' ħamest elef lira Taljana;

(11) Karta waħda ta' mitt Drachma Griega;

(12) Karta waħda ta' elf Drachma Griega;

(13) Karta waħda ta' mitt Mark Ġermaniż (bl-ajkla);

(14) Karta waħda ta' mitt Mark Ġermaniż (bil-kuruna);

(15) Karta waħda ta' ħamest elef valuta Russa;

(16) Karta waħda ta' elf Kronen;

(17) Karta waħda ta' l-elf ta' valuta Russa;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi joħroġ ukoll illi kien hemm is-segwenti depożiti li għandhom jitqiesu bħala proprjetà parafernali tad-*decuius,* u ċjoè:

(i) *Savings Account* mal-
*Bank of Valletta Ltd.* Lm 275.61,4

(ii) *Fixed Deposit* Numru 14968/DO2
mal-*Bank of Valletta Limited* Lm6,500.00,0

(iii) *Fixed Deposit* Numru 2877
ma' l-*Apostleship of Prayer Bank* Lm3,000.00,0

u kien hemm ukoll is-segwenti depożiti, li għandhom jitqiesu li jaqgħu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u ċjoè:

(iv) *War Loan @ 3½ %* ta' valur
nominali ta' (erbat elef lira sterina) £4,000

(v) Depożitu fil-*Midland Bank* ta' l-Ingilterra
(A/C No. 53091889) fl-ammont ta' Stg. 533.31;

Il-konvenuta għandha l-użufrutt ta' dawna l-kapitali li tagħhom żewġha kien proprjetarju jew għaliex il-kapital huwa parafernali jew għaliex huwa parteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien ma' martu, skond il-każ, l-użufrutt fuq is-sehem tad-*decuius* ġie mħolli, kif ġà intqal, in forza tat-testment imsemmi;

Id-dokumenti li jirrappreżentaw dawna l-flejjes u l-kotba tal-bank relattivi għandhom fl-ewwel lok jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' l-esekutur testamentarju, ħalli, wara, meta jasal l-istadju ta' l-immissjoni fil-pussess tal-legatarja, il-konvenuta, mill-eredi ta' żewġha, dawna d-dokumenti jerġgħu jiġu rritornati lilha. Fil-fehma tal-Qorti dana l-pass għandu jsir anke fil-każ ta' dawk il-flejjes li jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti li fiha tipparteċipa l-istess konvenuta – u dana għaliex dejjem jista'

*jiġri li*, *fid-diviżjoni* ta' l-assijiet partikolari li tista' ssir 'il quddiem bejn il-konvenuta u l-eredi ta' żewġha, dawna l-flejjes ma jmissux lilha; it-titolari ta' dawna d-depożiti u flejjes huwa d-*decuius* u biss wara l-eventwali diviżjoni jkun jista' jingħad fil-każ proprju, illi l-konvenuta hija intitolata li jkollha taħt idejha *se mai*, il-kotba tal-bank u titolu fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi l-konsiderandi li ssemmew f'din is-sentenza ġew magħmula in kwantu biss huma ta' rilevanza għall-kawża tallum, li, tajjeb wieħed ifakkar, hija intentata mill-attur fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' Salvatore Ellul Bonnici u għalhekk għandhom jibqgħu riservati bħala mhux mittiefsa b'dina s-sentenza dawk id-drittijiet kollha li l-konvenuta u l-attur bħala eredi u legatarju ta' ħuh imsemmi, jistgħu jkollhom *si et quatenus* kontra xulxin;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Salvatore Ellul Bonici:

1. (i) ċurkett bid-djamant kbir li l-istess Salvatore Ellul Bonici kien wiret mingħand missieru Walter;

(ii) katina ħajta;

(iii) labra ta' l-ingravata miksura;

(iv) par *links;*

(v) ċurkett matrimonjali;

(vi) par kandelabri;

(vii) munita tad-deheb (Emanuel Pinto) bid-data 1762;

(viii) munita tad-deheb (Reġina Eliżabetta) ta' l-1875; u

(ix) munita ta' għaxar franki *(Napoleon III)* ta' l-1860;

(2) (i) Ħames karti ta' l-għoxrin dollaru l-waħda;

(ii) Karta waħda ta' għaxar dollari;

(iii) Karta waħda ta' ħames liri taljani;

(iv) Karta waħda ta' żewġ xelini Maltin (imqattgħa);

(v) Żewġ karti ta' sterlina l-waħda;

(vi) Żewġ karti ta' lira Maltija l-waħda u li għandhom waħda r-ritratt tar-Reġina Eliżbaetta II u l-oħra r-ritratt tar-Re Edward;

(vii) Karta waħda ta' għaxar xelini (Reġina Eliżabetta II) ta' kulur aħdar;

(viii) Tliet karti ta' għaxar xelini l-waħda (Reġina Eliżabetta II) ta' kulur aħdar;

(ix) Karta waħda ta' mitt Pesesta Spanjola;

(x) Karta waħda ta' ħamest elef lira Taljana;

(xi) Karta waħda ta' mitt Drachma Griega;

(xii) Karta waħda ta' elf Drachma Griega;

(xiii) Karta waħda ta' mitt Mark Ġermaniż (bl-ajkla);

(xiv) Karta waħda ta' mitt Mark Ġermaniż (bil-kuruna);

(xv) Karta waħda ta' ħamest elef valuta Russa;

(xvi) Karta waħda ta' elf Kronen;

(xvii) Karta waħda ta' l-elf ta' valuta Russa;

3. Id-dokumenti relattivi għal:

(i) *Savings Account* mal-*Bank of Valletta Ltd.* Lm 275.61,4

(ii) *Fixed Deposit* Numru 14968/DO2 mal-*Bank of Valletta Ltd.* Lm6,500.00,0

(iii) *Fixed Deposit* Numru 2677 ma' l-*Apostleship of Prayer Bank* Lm 3,000.0,0

(iv) *War Loan @ 3½ %* ta' valur nominali ta' £4000 (erbat elef lira sterlina);

(v) Depożitu fil-*Midland Bank* ta' l-Ingilterra (AC/C No. 53091889) fl-ammont ta' Stg. 533.31;

4. elfejn lira Maltija, u

5. dawk l-oġġetti l-oħra kollha li l-istess konvenuta jista' jkollha f'idejha u li huma neċessarji sabiex l-attur ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' ħuh Salvatore Ellul Bonici;

Il-konsenja għandha ssir fi żmien ħmistax-il ġurnata mil-lum taħt is-sanzjonijiet kollha kkomminati mil-liġi rigwardanti d-disprezz għall-awtorità tal-Qorti f'każ illi l-konvenuta tonqos;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenuta;

Tibqa' riservata lill-partijiet kwalunkwe azzjoni rigwardanti drittijiet oħra li jistgħu jkollhom u li joħorġu mill-wirt ta' l-imsemmi Salvatore Ellul Bonici.